**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tad-9 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 710/99**

**FENECH PLANT HIRE LTD.**
**-VS-**
**ANTHONY SCICLUNA u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 1999 giet kjamata in kawza Katie Scicluna**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-**

Illi l-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ghaf favur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn tmien mija u hmistax-il lira u seba' u tletin centezmu (Lm2815.37) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1994 kif jidher mill-annessa skrittura markata Dok X;

Illi dan id-debitu kellu jithallas sal-31 ta' Dicembru, 1998;

Illi ghalkemm mitlub biex ihallas, id-debitur sal-lum ma hallas xejn;

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminut konvenut;

(2) tikkundanna l-istess konvenut ihallas is-somma ta' elfejn tmien mija u hmistax-il lira u seba' u tletin centezmu (Lm2815.37) flimkien mal-imghax kummercjali mill-1 ta' Jannar 1994 sad-data tal-eventwali pagament, debitu dovut kif skond l-annessa skrittura tal-14 ta' April 1998 fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru tal-24 ta' Marzu 1999 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza li biha ammettew t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Gino Camilleri**

**Dep. Registratur**